**Minuti tal-414-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
it-Tnejn, 29 t'April, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Mark Grech u s-Sur John J Pace daħlu għal-laqgħa fis-6:55 ta'filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-413-il laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Spiteri staqsa jekk kienetx ġiet ordnata l-bandiera l-ġdida li kellha issir f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-bandiera kienet ġiet ordnata u kellha titlesta fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur Spiteri staqsa jekk kienetx saret il-laqgħa mal-kumpanija TCTC dwar il-korsijiet tal-kompjuter IKIDS. Is-Sindku qal illi kien ser isir l-appuntament mal-kumpanija TCTC.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar għal kunċert vokali u strumentali bl-isem *Rule, Brittania – A Celebration of British Music*. Dan il-kunċert ser isir nhar il-Ħadd, 12 ta' Mejju, 2013 fit-Teatru Notre Dame f'Ħaż-Żabbar.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ħarġet l-offerta għall-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill. Peress illi din is-sejħa ser tagħlaq, talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi estiża għal xahar il-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill għandu mal-kumpanija Island Insurance Brokers Limited sakemm issir l-aġġudikazzjoni tal-offerti għal polza ta' assigurazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza ta' assigurazzjoni għal xahar addizzjonali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn irrakkomanda li ssir *road hump* fi Triq Bajada fil-viċinanzi ta' Big Bun sabiex jitnaqqas l-abbuż ta' sewqan eċċessiv li qed isir f'din it-triq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li issir din ir-*road hump*.

Il-Viċi-Sindku qal illi l-Kunsill kellu ħafna talbiet għal *road humps* u għalhekk għandha ssir lista aġġornata ta' talbiet għal *road humps* biex il-Kunsill ikollu stampa qabel jiddeċiedi liema *road humps* għandhom isiru.

Is-Sindku talab sabiex titħejja lista ta' talbiet għal *road humps* ġodda f'toroq fejn qed isir sewqan eċċessiv u fil-laqgħa li jmiss jiġi deċiż liema *road humps* ser isiru. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Inqrat stedina mibgħuta mis-Sinjura Joanne Sciberras mill-Malta Libraries fejn il-Kunsill ġie mistieden ikun rappreżentant uffiċjali tal-lokalità li ngħatat titlu ta' Belt f'wirja marbuta mal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li ser tittella' fix-xahar ta' Ġunju fil-Biblijoteka Nazzjonali. Il-Kunsill qiegħed jiġi mitlub sabiex itella' tliet oġġetti ta' natura storika marbuta direttament mal-lokal u mal-Kavallieri. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'din l-attività.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Gasan Mamo Insurance dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Ħas-Sajjied, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Vella Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident.

Inqrat petizzjoni kontra il-proġett ta' żvilupp propost għall-park rikrejattiv fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat korrispondenza lir-residenti fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti fejn jiġu nfurmati li l-proġett ta' park rikreattiv f'din it-triq ser jieqaf u ser jinstab sit alternattiv.

Inqrat ittra mibgħuta flimkien ma' petizzjoni minn residenti li joqgħodu fi Triq Profs J.G. Baldacchino, f'Ħaż-Żabbar fejn talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* f'parti minn din it-triq li għada qatt ma ġiet asfaltata. Il-Viċi-Sindku qal illi minkejja li riċentament il-Kunsill kien diġa għadda t-talba tar-residenti lil Transport

Malta peress li Triq Professur J.G. Baldacchino ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinkdu li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill għandu jikteb lir-residenti ta' Triq Profs J.G. Baldacchino u jinfurmhom li l-Kunsill kien ser jgħaddi l-ilment tagħhom mill-ġdid lil Transport Malta bil-għan li t-talba tar-residenti tiġi milqugħa.

Fis-6.55 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech u s-Sur John J Pace daħlu għal-laqgħa.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kunsill</u>

Inqraw il-minuti tas-36 u tas-37 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinqasam ugwalment bejn il-Kunsill Lokali u l-Kumitat Amministrattiv l-ispiża għax-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Marżebb issa li t-tender għal dan ix-xogħol ingħata lill-Kumpanija *Central Asphalt.*

<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Fuq proposta tas-Sur Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mit-12 t' April 2013 sad-29 t'April 2013 li kien jammonta għal €26,630.66.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' April 2013 li kien jammonta għal €162.31.

<u>Approvazzjoni ta' Aġġustamenti għall-*Financial Statements*</u>

Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena 2012 kif emendati.

<u>Item 6 - Affarijiet Oħra</u>

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru żewġ bozoz ġodda fil-parti ta' fuq ta' Triq Santa Duminka minħabba nuqqas ta' dawl li hemm fit-triq.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ssir konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq il-Bikri sabiex jinstab l-aħjar post biex titwaħħal bozza ġdida peress illi t-triq hija mudlama ħafna.

Is-Sindku qal illi jinsab infurmat illi t-*tender* mill-Korporazzjoni Enemalta dwar xogħol relatat ma' bini ta' *sub station* ġdida fi Triq l-Inkurunazzjoni, issa kien ingħata. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda l-proċess biex jitħejja t-*tender* għal xogħol ta' *resurfacing* ta' din it-triq sabiex b'hekk kif jistlesta x-xogħol mill-Korporazzjoni l-

Kunsill ikun jista' jibda x-xogħol immedjatament. B'hekk ix-xogħol kollu jitlesta qabel l-attivitajiet tal-festa u ma jkunx hemm inkonvenjenzi żejda. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jinbeda l-proċess għas-sejħa tal-offerti għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq l-Inkurunazzjoni.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *refresh* tal-*hatching lines* li hemm fi Triq tal-Labour viċin it-*traffic lights.*

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *refresh* taz-*zebra crossings* li hemm f'diversi żoni ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur John J Pace talab lill-Kunsill sabiex terġa' tinkiteb ittra lil Transport Malta dwar il-periklu li qed ikollhom jgħaddu minnu n-nies biex jaqsmu fi Triq Labour, speċjalment mill-viċinanzi ta' Triq Melita.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex isir *dustbin* fi Pjazza Medjatriċi sabiex jonqos ir-rimi ta' skart fl-art.

Is-Sur Buttigieg qal illi hemm ħofra ta' arblu tal-festa fejn il-venda ta' Ħaż-Żabbar li jeħtieġ tingħalaq peress illi qiegħda ta' periklu.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienetx saret il-laqgħa mal-kumpanija IPSL sabiex jingħata aktar ħaddiema. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jistenna appuntament mingħand iċ-*Chairman* tal-kumpanija IPSL.

Is-Sur Bonnici talab sabiex jiġu mibdula l-ismijiet tar-rappreżentanti li hemm elenkati fuq ir-rapport mill-MCCA dwar il-kundizzjoni tal-*playing fields* li hawn f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Bonnici qal li hu għandu jkun imniżżel il-persuna responsabbli mill-bandli Ġnien il-Kunsill u mill-Bandli Ġnien Tamara Psaila, filwaqt li l-Kumitat Amministrattiv St Peter's għandu jinnomina persuna biex tieħu ħsieb il-bandli ta' Triq l-Għakrux.

Is-Sur Bonnici qal illi fi Triq Bieb is-Sultan kienet inqalgħet parti mit-triq u din tħalliet fi stat ħażin. Is-Segretarju qal illi x-xogħol kien qed isir minn Transport Malta.

Is-Sur Bonnici qal illi r-rampa ta' mat-taraġ li hemm quddiem il-Bank of Valletta fi Triq is-Santwarju kienet qed tingombra l-bankina għall-pubbliku l-aktar matul il-ġranet tal-festa meta l-Grupp Armar iwaħħlu arblu tal-festa quddiem il-*Bank of Valletta.* Is-Sur Grech qal illi waqt laqgħa li kellu mal-Grupp Armar Paroċċa Madonna tal-Grazzja Żabbar kien sar ftehiem illi l-arblu tal-festa li kien hemm quddiem il-*Bank of Valletta* fi Triq is-Santwarju jintrama fl-aħħar ġranet qabel il-festa u jinqala mill-ewwel hekk kif tintemm il-festa. Il-Viċi-Sindku qal illi l-amministrazzjoni tal-*Bank of Valletta* kellhom il-ħsieb li jirranġaw ir-rampa biex il-bankina tkun aktar aċċessibli. Is-Sur Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel kuntatt mal-Manager tal-*Bank of Valletta* u ssir talba sabiex ir-rampa issir fi Triq il-Kbira.

Is-Sur Bonnici talab lis-Sindku sabiex ikun preżenti fil-laqgħat relatati mad-dekasteri li hu responsabbli minnhom. Is-Sindku nfurmah illi l-laqgħat li kellu kienu qed ikunu ta' introduzzjoni għalih biex isir jaf lil kull min b'xi mod hu nvolut fl-operat tal-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja talbet li jsiru *parking bays* fi Triq is-Santwarju fejn qabel kien hemm il-venda. Is-Sur Joseph Agius qal li jkun aħjar għall-Kunsill li jistenna ħalli qabel jiġi stabbilit jekk il-venda hux ser tibda terġa tintuza bħal ma kienet qabel.

Is-Sur Grech staqsa jekk waqt il-laqgħa li saret mal-Onorevoli Joe Mizzi kienetx ġiet diskussa l-possibilità li l-venda terġa' tibda tintuża. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jitlob *feedback* dwar il-laqgħa li saret mal-Onorevoli Joe Mizzi u li terġa' tissemma l-possibiltà li l-venda terġa' tibda tintuża.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi rranġat il-mafkar ta' Duminku Mintoff li hemm fil-venda ta' Triq is-Santwarju.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex tiġi rranġata l-parti mħarbta ta' Triq Santa Duminka.

Is-Sinjura Calleja qalet illi waqt laqgħa li kellha flimkien mas-Sindku maċ-*China Cultural Centre*, ġie deċiż sabiex waqt l-attivita *The Malta International Food Festival* tal-1 ta' Ġunju tintrama triq simili għal *China Town*. Is-Sinjura Calleja qalet ukoll illi f'Settembru li ġej ser tittella` attivita` flimkien maċ-*China Cultural Centre* bil-parteċipazzjoni ta' artisti barranin.

Fit-7.45 ta' filgħaxija s-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Domenic Agius talbu li jkunu skużati.

Is-Sur Vella talab sabiex isiru qsari bil-fjuri u xi pjanti maġenb l-Iskola Primarja B.

Is-Sur Buttigieg qal illi l-Kunsill kellu japplika għal permess sabiex fi Triq l-Iskola u fi Triq Tumas Dingli ssir *flower bed* fuq il-bankina mal-ħajt tal-iskola sabiex ma jibqax jintrema skart fuq il-bankina.

Is-Sur Vella talab sabiex tiġi rranġata l-*crash barrier* li hemm mal-ħajt tal-iskola fi Triq Tumas Dingli.

Is-Sur Vella talab sabiex isir *patching* fi Triq il-Kunvent peress illi t-triq kienet perikoluża għat-tfal li ser jieħdu sehem fil-Health Fest.

Is-Sur Vella semma l-bżonn li jinkines Sqaq Lajri.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis tat-toroq peress illi Triq il-Marloċċ, Triq Nikol Biancardi u l-*area* tal-madwar ma kienetx qed tinżamm nadifa.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jitnaddfu l-funtani f'Misraħ is-Sliem u Pjazza Medjatriċi.

Is-Sur Pace ssuġġerixxa li jkun hemm nies responabbli mit-tindif u l-manutenzjoni tal-funtani.

Is-Sur Vella Bonnici talab sabiex il-Kunsill jiddiskuti u jiddeċiedi dwar l-aħjar mod li permezz tiegħu jiġi assigurat li ssir manutenzjoni regolari u jinżammu fi stat tajjeb il-funtani ta' Misraħ is-Sliem u Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li titwaħħal bozza ġdida fi Triq is-Saqwi.

Is-Sur Grech talab sabiex issir kurduna fi Triq il-Kappar peress illi kien ġie avviċinat minn resident li qed jidħollu l-ilma fir-residenza tiegħu meta tagħmel ix-xita.

Is-Sur Grech talab sabiex isir tindif u jittella' iċ-ċint madwar art mitluqa li hemm fi Triq ir-Riħan.

Is-Sur Grech talab sabiex titneħħa *r-road hump* minn Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Triq Wied il-Għajn.

Is-Sur Grech talab sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Qalb Imqaddsa ma' Triq il-Lembija.

Is-Sur Spiteri talab sabiex jitneħħa l-arblu tad-dawl li twaħħal mill-Korporazzjoni Enemalta fi Triq il-Kbira sabiex tgħaddi l-kannizzata tal-bandisti fil-festa.

Is-Sur Spiteri talab sabiex ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Grazzji jitlesta qabel il-festa f'Ħaż-Żabbar li ssir fil-bidu ta' Settembru. Is-Sindku qal illi x-xogħol f'din it-triq ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sindku qal illi kien ser jagħmel talba għal tliet ħaddiema taħt il-*Community Work Scheme*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekonda mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sindku tkellem dwar l-għadd ta' ilmenti li kienu qed isiru mir-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-funderija Hompesch Steel u ppropona li l-Kunsill jikteb lill-MEPA dwar l-operat u l-inkonvenjenzi li qed jinħolqu riżultat tat-tħaddim ta' dan l-impjant.

Is-Sindku ppropona wkoll sabiex il-Kunsill jiltaqa' mas-sid tal-Funderija Hompesch Steel u jiddiskuti dwar it-tħaddim ta' din il-funderija u tressaq l-ilmenti tar-residenti taż-żona partikolarment tal-Qasam tad-Djar u Buleben iż-Żgħir.

Is-Sur Pace talab sabiex titwaħħal tabella fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni biex il-vetturi jipparkjaw *bumber to bumber*.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joħroġ sejħa biex il-pubblikazzjoni Citta' Hompesch tiġi ppublikata mingħajr spejjeż għall-Kunsill u b'hekk jiġu ffrankati l-flus u din tinħareġ aktar frekwenti.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-415-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2013.

Quinton Scerri
Sindku